

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2202

tad-29 ta' Awwissu 2022

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi  
lista tal-proġetti transfruntiera magħżula fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1), il-punt (b), tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/1153 jipprevedi appoġġ tal-Unjoni għall-proġetti transfruntiera magħżula fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli (proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli) li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni, għat-tlejtja tas-suq intern tal-enerġija u għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista.
- (2) L-ġħażla ta' dawk il-proġetti hija soġġetta għall-kriterji ġenerali u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1153 u spjegati aktar fid-dettall fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/342 (²).
- (3) Ladarba jintgħażlu, il-proġetti jkunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Barra minn hekk, l-inklużjoni tal-proġetti magħżula fil-lista tagħthihom bosta beneficij ġiżżejjha iż-żidhom il-viżibbiltà.
- (4) Fl-4 ta' Marzu 2022 ġiet ippubblikata sejħa għal proposti dwar proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli, li għalqet fl-10 ta' Mejju 2022. Il-proġetti li applikaw ġew ivvalutati minn esperti esterni u minn esperti mill-Kummissjoni u mill-Agencija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent.
- (5) L-abbozz tal-lista tal-proġetti għall-għażla ġie maqbul mill-grupp għall-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli previst fil-punt 4(b) tal-Anness, il-Parti IV, tar-Regolament (UE) 2021/1153. Il-lista tal-proġetti magħżula fiha proġetti li jikkontribwixxu għall-isfruttament kosteffettiv tal-enerġija rinnovabbli fis-setturi tal-elettriku u tat-tiċċi, u li se jiġu implimentati permezz ta' teknoloġiji rinnovabbli differenti, inkluż l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u fuq l-art u l-fotovoltaċċi solari, kif ukoll permezz ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi bħall-produzzjoni tal-idroġenu u tal-ammonjaka.

(¹) ĠUL 249, 14.7.2021, p. 38.

(²) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/342 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji speċifiċi tal-ġhażla u d-dettalji tal-proċess għall-ġhażla ta' proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli (ĠUL 62, 1.3.2022, p. 1).

- (6) L-inklużjoni tal-proġetti fil-lista tal-proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli hija mingħajr preġudizzju għall-konformità tagħhom mal-liġi applikabbi tal-UE, inkluż mal-eżitu tal-valutazzjoni ambjentali u mal-proċeduri tal-permessi.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Il-lista tal-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija magħżula skont il-Parti IV, il-punt 4(g) tal-Anness tar-Regolament (UE) 2021/1153 għandha tkun kif ġej:

Numru tal-proġett	Isem il-proġett	Żviluppaturi tal-proġett	Pajjiżi parteċipanti
2022-05	ELWIND — Proġett ibridu konġunt bejn l-Estonja u l-Latvja għall-enerġija mirriħ lil hinn mill-kosta	Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u Komunikazzjonijiet tal-Estonja; Ministeru tal-Ekonomija tal-Latvja	L-Estonja u l-Latvja
2022-07	CEO — Alleanza għall-Katina tal-Valur Ewropea u Transfruntiera tal-Idroġenu Ekoloġiku	EON.SE; ENEL Green Power Spa; IBERDROLA CLIENTES S.A.U.	Il-Ġermanja, l-Italja, Spanja u n-Netherlands
2022-10	Tisħin distrettwali newtrali għall-klima fil-belt Ewropea ta' Goerlitz Zgorzelec	Stadtwerke Görlitz AG; SEC Zgorzelec Sp. z o.o.	Il-Ġermanja u l-Polonja

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-tielet jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*